MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 791/2008

**Go Plc (C22334)**

**Vs**

**Stephen Zammit ( ID 541563 M)**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' elf hames mija u tlieta u disghin centezmi (€1500.93) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi telefonici li jgibu in-numri 21572537 (gja 21579599), 21579639 ( gja 21581576), u 21573038 (AC10209988).

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghal hlas diversi drabi izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontr l-konvneut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-Ispejjes u bl-imghaxijiet.

Ra mill-attti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra lli l-konvenut deher ghas-seduta tal-20 ta’ Frar, 2009 ta ruhu b’notifikat u ghazel li jixhed. Il-konvenut ammetta t-talba attrici u qal illi l-ammont sal-lum ghadu dovut izda xtaq illi jhallas ratealment.

It-Tribunal jidhirlu lli b’ammissjoni stess tal-konvenut is-socjeta’ attrici ppruvat il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal izda jixtieq Illi s-socjeta’ attrici jiehdu in kunsiderazzjoni t-talba tal-konvenut illi jhallas l-ispejjez dovuti ratealment.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------